KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 26

**It-Tlieta 10 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fl-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

### 26.1 Qari tal-Apoloġiji

26.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija waħda mingħand il-Kunsillier Andrew Mallia minħabba li jinsab konvalexxenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 25

26.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 25 li kienu meqjusa moqrija.

26.2.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 25 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 26.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat l-awguri għal fejqan ta' malajr lill-Kunsillier Mallia kif ukoll xi pjanta jew hamper bil-frott/ħaxix.

26.3.2 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 25.3.1 huwa kien reġa' kiteb lill-Ministru għaliex ġejna infurmati li l-grada kienet twaħħlet u l-Kunsill ma kienx ġie mgħarraf. Sadanittant il-Kunsill kien għadu qed jitlob biex jinbeda l-proċess tad-diskussjonijiet. Għaldaqstant biex ma jintilifx aktar ħin kien inbeda l-proċess inizjali bejn is-sottokumitat.

26.3.3 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para 25.3.4, kien irrisponda s-Superjur Ġenerali u informa lill-Kunsill li m'hemmx għalfejn li ssir il-laqgħa.

26.3.4 Is-Sindku informa li jidher li s-sistema l-ġdida tal-minivans tal-Iskola tas-Swatar kienet qed taħdem aħjar. Is-Sindku informa li kien ġie mgħarraf mill-persuna li tieħu ħsieb li kienu qed jipparkjaw biss massimu ta' 10 vannijiet u l-oħrajn qed jintbagħtu jipparkjaw fi Triq Indrì Grima.

### 26.4 Jum l-Imsida 2026 u reviżjoni tar-regolamenti

26.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-regolamenti lis-sottokumitat approvat waqt l-aħħar laqgħa u dawn ġew diskussi flimkien.

26.4.2 Is-sottokumitat kien qed jirrakkomanda numru ta' bidliet hekk kif muri fuq id-dokument anness. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet kollha.

26.4.3 Għall-mistoqsija tas-SE dwar id-deadline għan-nomini, kien hemm qbil li dawn għandhom jintlaqgħu bejn l-4 u l-15 ta' Mejju.

26.4.4 Il-Kunsillier Agius informa li hu kien avża lill-Arċipriet. Is-SE infurmat li min-naħa tagħha kienet infurmat lill-Iskola.

## 26.5 GovTech4All AI Pilot

26.5.1 Is-SE infurmat li kienet għamlet kuntatt mal-Kunsill Lokali tal-Pietà u Birkirkara li kienu kkonfermaw li lesti jidħlu bħala msieħba fuq il-proġett. Kienet tkellmet ukoll mal-Kunsill tal-Gżira iżda dawn kienu diġà ssieħbu ma' x'imkien ieħor. Għaldaqstant għamlet kuntatt mal-Kunsill ta' Tas-Sliema li kkonfermaw li lesti jissieħbu. Sadanittant kienet bagħtet email lil kulħadd biex jikkonfermaw l-interess tagħhom.

## 26.6 Fondi mirbuħa mill-iskema tal-LESA

26.6.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien ġie mgħajjat biex jattendi għal konferenza stampa min-naħa tal-LESA fejn ġejna infurmati li rbaħna €57,000 sabiex jinxtara vann għall-użu tal-ħaddiema tal-Kunsill.

26.6.2 Is-SE kienet se tieħu ħsieb tmexxi mal-inġinier għall-i*specifications* sabiex jiġi ppubblikat it-tender.

26.6.3 Hawnhekk il-Kunsillier Chircop staqsa lis-SE jekk hux possibbli li tikkonferma kif jistgħu jintużaw il-fondi tad-DPF li l-Kunsill kien diġà infurma lill-PA dwarhom. Il-Kunsillier Chircop staqsa lis-SE tiċċekkjalhom kif jistgħu jagħmlu biex dawn jintużaw.

26.6.4 Hawnhekk il-Kunsillier Chircop skuża ruħu. Il-ħin kien is-6pm.

## 26.7 Laqgħat diversi

26.7.1 Is-Sindku ta rendikont dwar il-laqgħa li kienet saret mal-Onorevoli Zerafa Civelli u d-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali u Head of Staff tagħha.

26.7.2 Is-Sindku informa li hemm applikazzjoni massiċċa li hemm bzonn ta' rappreżentazzjoni mill-Kunsill fuq il-bord tad-deċiżjonijiet tal-PA għal proġett li se jsir bejn Triq Boxbox u Triq it-Torri. Kien se jkun hemm laqgħa inizjali nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu u oħra fid-9 ta' April.

26.7.3 Il-Kunsillier JC Borg ġibed l-attenzjoni dwar niċċa tal-Annunzjata fil-kantuniera ma' Triq it-Torri ma' Kunċizzjoni. Huwa qal li importanti li nassiguraw li din terġa' titpoġġa lura jekk isiru xi xogħlijiet fuq ir-residenza.

26.7.4 Sadanittant is-Sindku informa wkoll li matul il-ġimgħat li ġejjin kellha tinżamm il-laqgħa pjanata mal-Onorevoli Miriam Dalli flimkien mal-Kunsill ta' Birkirkara dwar it-talba taż-żewġ Kunsilli biex ma jsirx aktar bini fiż-żona li għadha mhijiex mibnija fis-Swatar.

26.7.5 Is-Sindku informa li kienet saret talba wkoll għal-laqgħa mal-Onorevoli Dr Andy Ellul iżda għadna qed nistennew data lura.

## 26.8 Proposta għal Monument

26.8.1 Is-SE infurmat li rċevejna talba biex isir monument għall-Palestinjani.

26.8.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li fl-Imsida m'hemm imkien adegwat għal monument għaliex ma jeżistux soft areas jew żoni miftuħa.

## 26.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

26.9.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

26.9.2 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kienet irċeviet video dwar il-bandli tas-Swatar minħabba li jidher li hemm nuqqas ta' sigurtà. Is-SE infurmat li bħalissa suppost li hemm il-grada magħluqa minħabba li hemm ix-xogħlijiet għaddejjin.

26.9.3 Il-Kunsillier JC Borg staqsa jekk hemmx xi fondi tal-kultura biex jinxtara l-vestwarju. Is-SE infurmat li jidrilha li le.

26.9.4 Dwar para. 24.3.13, is-SE infurmat li kienet irċeviet risposta lura mingħand l-IDPC u dawn infurmawha li sakemm il-Kunsill jieħu ħsieb kif toħroġ l-informazzjoni sensittiva u jgħaddi kollox mill-proċeduri kif suppost, mhux problema li nwaħħlu cameras ma' residenzi ta' terzi.

## 26.10 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

26.10.1 Il-Kunsillier Farrugia talab li tintbagħat ittra lill-Periti Portelli u Zammit kif ukoll lir-rappreżentanta ta' IM u ninfurmawhom li l-Kunsill ġie mwiegħed il-parkeġġi, li għad hemm postijiet bla barriers, iż-zebra crossing għadha ma saritx, kellhom ineħħu l-barriers tal-parkeġġ ta' wara l-Kunsill u ssir iż-zebra crossing ta' Triq Rue d'Argens. Huma kellhom javżawna wkoll meta se jagħlqu.

26.10.2 Il-Kunsillier C Borg informa li kienet se tittella' l-attività tal-KNZ nhar it-18 u 25 ta' Marzu filwaqt li l-Ġimgħa kien hemm l-ewwel sessjoni tal-i*spring school*.

26.10.3 Is-SE infurmat li minħabba li l-Kunsill kien rebaħ il-€15,000 f'fondi mir-Reġjun Lvant għax-xiri u installazzjoni tal-lift, kienet iddiskutiet mal-Periti u dawn kienu neħħew il-lift minn fuq il-BoQ u minflok iddaħħlu xi affarijiet oħra, fosthom sistema ta' *cameras* ġodda għall-uffiċċju, għall-kuridur u għal fuq il-bieb tal-ġenb; *plastic vinyl* għall-art minħabba li se jkollna ngħaddu xi komunikazzjonijiet ġodda; ġew inklużi xi tabelli u l-arma tal-Kunsill għar-*reception desk* u se jingħalaq taħt it-taraġ biex jintuża bħala *storage*. Hija infurmat li għalissa għad m'għandhiex il-BoQ finali li jirrifletti dawn il-bidliet però mhux tassumi li se jitla' wisq aktar minn l-ammont oriġinali.

26.10.4 Fir-rigward tal-lift inniffsu, kienet għadha għaddejja diskussjoni mas-CRPD dwar l-ispecifications tiegħu minħabba li kien hemm spazju ristrett ħafna biex issir platform.

26.10.5 Is-SE infurmat li kien hemm Planning Board Meeting dwar applikazzjoni bin-numru PA 03117/23. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiddiskuti din l-applikazzjoni.

26.10.6 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex tinxtara linja tal-mobile biex tintuża maġġorment mill-ħaddiema ta' barra minħabba ritratti u location għaliex il-ħaddiema m'għandhomx internet u qed jużaw il-credit tagħhom. Hija infurmat li l-irħas offerta kienet ta' madwar €15. Hija infurmat li kienet se tixtri wkoll mobile bażiku ieħor biex jinżamm fl-uffiċċju u l-qadim jingħata għall-użu tal-ħaddiema ta' barra.

26.10.7 Is-Sindku informa li kienet se tiġi organizzata *Clean Up* mir-Reġjun Lvant flimkien mal-McDonald's madwar il-ġibjun tal-Imsida. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Farrugia infurmaw li kienu se jattendu.

26.10.8 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar it-tabelli ta' *light vehicles* fil-parkeġġ ta' ħdejn il-ġibjun. Is-SE infurmat li dawn kienu se jitwaħħlu l-għada. Kien hemm qbil li jekk l-abbuż jibqa', kellha tinforma lis-sezzjoni tal-infurzar ta' TM.

26.10.9 Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Periti u lill-Lands Authority rigward ix-xelter ta' ħdejn il-ġibjun. Kien hemm qbil li għandha tinforma dwar dan kollu lis-Sur Conrad Neil Gatt.

26.10.10 Is-SE infurmat li sfortunatament minn din is-sena, il-Kunsill ma jistax jirkupra l-flus li jkunu tħallsu mill-Kunsill għall-purċissjonijiet. Hija infurmat li minn din is-sena huma l-każini li jistgħu japplikaw għar-rifużjoni għall-ispejjeż tal-purċissjonijiet.

26.10.11 Is-Sindku informa li rċevejna talba biex naqblu mad-dikjarazzjoni tal-Università ta' Malta biex sas-sena 2030 ma jkunx għad hawn aktar nies bla saqaf fuq rashom (to end homelessness by 2030). Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 26.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

26.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-26), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Farrugia proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Baldacchino Cefai ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 26.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

26.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar il-Ġimgħa 30 ta' April 2026 fl-5:00pm. Kien hemm qbil ukoll li l-laqgħa mal-Liaison Officer tinżamm fil-4:30pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv